MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# AWTORITA` TA' L-IPPJANAR

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 13/2001/1

**Joseph Attard**

**vs**

**Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

### (a) RIKORS TAL-APPELL.

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Joseph Attard a fol. 2 fejn gie premess:-

1. Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:

1.1. L-appellant kien issottometta applikazzjoni ghall-bini ta' *basement garages and maisonettes* fis-sit 37 Triq Pedidalwett, Swieqi. (P.A. 4046/98)

1.2. Illi din l-applikazzjoni giet michuda u minn dan ir-rifjut sar Appell ghal quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjannar.

1.3. Illi b'decizjoni tat-23 ta' Marzu, 2001 il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjannar cahad l-appell tal-appellant ghal quddiemu u kkonferma r-rifjut ghax qal illi:

i. Jaqbel mar-ragunijiet tar-rifjut moghtija mill-appellata Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ghac-cahda ta' din l-applikazzjoni, b'mod partikolari mal-fatt illi l-izvllup propost huwa wiehed residenzjali mentri s-sit mertu ta' dan l-appell jinsab sitwat f'wied, f'*"rural conservation area"* u barra miz-zona permessa ghall-izvilupp;

ii. L-appellant ma huwiex *"bona fide farmer"* u ghalhekk ma jistghax jibbenefika mill-*policies* SET 11, SET 12 u l-paragrafu 7.6. tal-Pjan ta' Struttura u l-paragrafu 11.2 tal-*"Explanatory Memorandum";*

iii. L-apprezzament fattwali ta' l-appellant li s-sit hu *"committed"* ghall-izvilup ghax ma genbu jezisti bini iehor mhux sufficjenti bhala argument peress li dan it-tip ta' argument huwa permess ghal zvilupp li jkun fl-*"ischeme"*. Fejn jidhol zvilupp barra mill-*"ischeme"* l-argument tal-*"committed site"* ma japplikax.

2. Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'dina d-decizjoni u minnha qieghed jitlob appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghat-tenur tat-Artikotu 15 tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.

3. Illi l-aggravju huma car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

3.1. Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar barra li ghazel li jibbaza d-decizjoni tieghu fuq fatti li huma zbaljati u li jaf li huma zbaljati ghazel li jinkuruna diskriminazzjoni li saret mal-appellant meta giet rifjutata l-applikazzjoni tieghu. Infatti l-Bord tal-Appell ghazel li jiskarta kompletament l-argument tal-appellant illi f'dik l-istess zona fejn ghandu s-

sit tieghu, inhargu numru ta' permessi ta' zvilupp li kollha gew indikati lill-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar u li whud minhom jinsabu sahansitra adjacenti mas-sit ta' l-appellant. Il-Bord ta' l-Appell ma jistax jinjora agir car ta' diskriminazzjoni kommess fil-konfront u kontra l-interessi legittimi ta' l-appellant taht pretest li s-sit ta' l-appellant ma jinsabx fl-*"ischeme"*. Jekk is-sit ta' l-appellant ma jinsabx fl-*"ischeme"* l-istess jista' jinghad ghas-siti l-ohra. Dwar dan il-Bord ta' Appell ghazel li jibqa' siket. Infatti ma tezisti ebda cahda jew dikjarazzjoni li tinnega li s-siti l-ohra li jgawdu minn permess jinsabu fl-istess sitwazzjoni tas-siti ta' l-appellant. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa fid-dmir li jezamina kull allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li ssirlu fl-ghoti jew cahda ta' permessi ghall-izvillup u jesprimi l-fehma u d-decizjoni tieghu skond il-kaz ghad illi bhala Bord kostitwit mill-ligi irid japplika l-garanziji li toffri l-ligi inkluz u specjalment dawk il-garanziji sanciti mill-Kostituzzjoni. Ma jistghax il-Bord ta' l-Appell jippretendi li jesprimi ruhu biss fuq materja ta' ippjanar u fuq interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Ligijiet li jirregolaw tali materja, minghajr ma jaghmel dak kollu sabiex jipprotegi d-drittijiet ta' l-individwu li jinsabu protetti mill-oghla ligijiet tal-pajjiz.

3.2. Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar huwa fid-dover li jezamina jekk effettivament saritx diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellant u jekk stess saret jirrimedja billi jittratta l-applikazzjoni bl-istess mod li gew trattati applikazzjonijiet simili fl-istess arja. Illi huma minnu illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjannar ghandu diskrezzjoni gudizzjarja nsindakabbli ghal dak li jirrigwarda interpretazzjoni u valutazzjoni ta' fatti u l-interpretazzjoni ta' dawn il-fatti fl-ambitu tal-Pjan ta' Struttura u r-regolamenti derivanti, izda d-diskrezzjoni hija *"scire per legem quod sit justum".* Il-gurista maghruf ingliz Coke stqarr illi d-diskrezzjoni hija *a science or understanding to discern between falsity and truth, between right and wrong, between shadows and substance, between equity and colourable glosses and pretences, and not to do according to their wills and private affections."* Ghalhekk lill-Bord ta' l-Appetti dwar l-Ippjanar fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu irid barra li jara kemm dak li sar fil-

konfront tal-appellant huwa skond il-ligijiet tal-ippjannar, jezamina u jiddeciedi dwar jekk dak li sar, sarx b'gustizzja u b'ekwita'. F'kaz li jirrizulta li jezisti trattament diskriminatorju l-Bord ta' l-Appell huwa fid-dover jara jekk dan it-trattament effettivament sehhx u jekk jirrizulta li sehh jiehu dawk iddecizjonijiet u mizuri sabiex in-nuqqas jigi rimedjat, b'mod illi min ikun baghta d-diskriminazzjoni jigi trattat bl-istess mod bhal dawk li jkunu gawdew bl-att diskriminatorju lamentat.

Illi ghal dawn il-mottivi l-appellant filwaqt li jaghmel riferenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngiebu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u jirrizerva li jgib dokumenti u xhieda u jaghmel sottomissjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti, jitlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti tannulla, tirrevoka u/jew thassar id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar li biha cahdet l-appell tal-appellant u kkonfermat irrifjut tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvillup u tilqa' l-appell li kien ghamet l-appellant quddiem l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar billi tirrespingi r-rifjut u tilqa' l-applikazzjoni tieghu ghall-izvillupp (P.A. 4046/98). Bl-ispejjez.

**(b) RISPOSTA TAL-APPELL.**

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tad-delegat taghha, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp a fol. 6 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament l-appell hu null *stante* li ma giex ipprezentat quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) izda quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appell hu null *stante* mhux ibbazat fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord izda fuq kostatazzjonijiet ta' fatti u interpretazzjoni ta' *policies;*

Illi fil-mertu d-decizjoni hi korretta u gusta u timmerita konferma;

Illi fil-fatt l-Awtorita` kienet issottomettiet (kif jidher mid-decizjoni a fol. 8 tal-process) li dan is-sit mhux bejn xi binjiet izda jkompli *oltre* l-bini *(row of buildings)* li hemm. Listess Bord fid-*decide* a fol. 20 tad-decizjoni qabel li skond l-*“Explanatory Memorandum”* u l-Pjan ta’ Struttura wiehed jista’ jibbenifika minn tali *“committed sites”* biss jekk huma *“within zone”* u mhux *“outside development zones”* u ndirizza l-ilment li l-istess appellant qajjem fuq il-bini li kien hemm;

Illi ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi kollha prodotti u jirrizerva li jipproducu dawk il-provi l-ohra ammissibbli skond il-ligi, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet ta’ l-appellant u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord tat-23 ta’ Marzu, 2001 fl-ismijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Attard tal-25 ta’ Mejju 2001 u r-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp tat-8 t’Ottubru 2001 u d-digriet tal-Qorti tal-10 t’Ottubru 2001 fejn laqghet it-talba u orndat li jsiru l-korrezzjonijiet mitluba.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 12 t’April 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Attard kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tal-15 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-13 ta’ Mejju 2002 u tat-13 ta’ Mejju 2002 fejn l-appell gie trattat u Dr. Pio Valletta talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet terminu ta’ 30 jum bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollhom 30 jum biex jirrispondu. L-Appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-appellant Joseph Attard tat-13 ta’ Gunju 2002 u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a) L-EWWEL ECCEZZJONI.

Illi jibda biex jinghad illi l-ewwel eccezzjoni tal-appellati u cjoe illi l-appell hu null *stante* li ma giex ipprezentat quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Komptenza Inferjuri) izda quddiem il-Qorti ta' l-Appell illum ma ghadx hemm lok li tigi aktar mistharga *stante* d-digriet ta' din l-istess Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2001 fejn hija laqghet t-talba maghmula mill-appellant fil-25 ta' Mejju, 2001 sabiex a tenur ta' l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** wara l-kliem *"Fil-Qorti ta' l-Appell"*, jizdiedu l-kliem *"Kompetenza Nferjuri"*.

### (b) IT-TIENI ECCEZZJONI.

Illi jmiss issa li tigi ttrattata t-tieni eccezzjoni preliminari tal-appellati u cjoe' dik li l-appell huwa null *stante* li mhux ibbazat fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord izda fuq kostatazzjonijiet ta' fatti u nterpretazzjoni ta' *"policies"*.

Illi s-**subartikolu (2) l-artikolu 15 ta' l-Att Nru. I tal-1992** u cjoe' l-**Att Dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356)** jghid testwalment illi:-

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord."*

Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta' Novembru, 2001 qalet illi:-

*“Din id-dispozizzjoni tal-ligi tistabilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza* ***taghha "Emanuel Mifsud vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"*** *fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell anqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** (App. Nru. 31A/96) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:

*“irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992**, hija wahda limitata hafna. Dana billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni”.*

Illi fil-fatt tant l-appellant huwa konsapevoli dwar il-gurisdizzjoni limitatissima ta’ din il-Qorti illi jghid fl-aggravji tieghi illi *“Illi huwa minnu illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ghandu diskrezzjoni gudizzjarja insindikabbli ghal dak li jirrigwarda nterpretazzjoni u valutazzjoni ta’ fatti u l-interpretazzjoni ta’ dawn il-fatti fl-ambitu tal-Pjan ta’ Struttura u r-regolamenti derivanti, izda d-diskrezzjoni hija “scire per legem quod sit justum”.*

Illi minn ezami tad-decizjoni tal-Bord jirrizulta li l-Bord ma kellux bzonn jippronunzja ruhu fuq xi punt ta' dritt. *Invece*, id-decizjoni bazikament tikkontjeni semplici applikazzjoni ta' diversi *“policies”* tal-Pjan ta' Struttura ghall-fatti tal-kaz

kif rahom u apprezzahom il-Bord. Apprezzament tekniku dan li jisfuggi l-mansjoni revizjonali ta' din il-Qorti. Jidher car ghalhekk mal-ewwel illi l-appellant qieghed jappella fuq fatti. Dan, kif diga' nghad aktar 'il fuq ma huwiex possibbli legalment. (Vide anke **"John Pace vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App 37A/97) – 6 ta' Mejju, 1998).

Ill fl-aggravji tieghu, l-appellant sabiex jipprova jirradika l-gurisdizzjoni limitatissima ta' din il-Qorti, jipprova jorbot il-kuncett ta' fatti allegatament zbaljati mal-kuncett tad-diskriminazzjoni. Di fatti fl-aggravji ta' l-appell tieghu, l-appellant jghid illi *"l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar barra li ghazel li jibbaza d-decizjoni tieghu fuq fatti li huma zbaljati u li jaf li huma zbaljati ghazel li jinkuruna diskriminazzjoni li saret mal-appellant meta giet rifjutata l-applikazzjoni tieghu"*.

Illi din il-Qorti, kif diversament komposta, kellha aktar minn okkazjoni wahda sabiex tidhol *in funditus* fuq dan is-suggett ta' diskriminazzjoni u jekk dan il-fatt jaghtix lok sabiex din l-istess Qorti tezercita l-gurisdizzjoni limitatissima taghha.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Richard Zammit vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Cit. Nru. 99/98PC) deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2002 intqal illi:-

*"Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti li ressaq l-appellat fil-kawza odjerna kontra l-ghemil ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar seta' validament iressaqhom fl-appell tieghu li jintavola quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mid-decizjonijiet li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet hadet kontrih u li jissemmew fl-att tac-citazzjoni. F'dan il-kontest il-Qorti trid taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***"Teddy Rapa vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et"*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju tas-sena 2000 li testwalment osservat hekk:-*

*"L-aggravju tal-appellant donnu hu bazat fuq l-idea skorretta li materja ta' diskriminazzjoni setghet biss tigi nvestigata u rettifikata mill-organi gudizzjarji*

*kostituzzjonali. Filwaqt li hu veru li kienet biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li kellha gurisdizzjoni originali biex tittratat u tiddeciedi materji ta' vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta' helsien mid-diskriminazzjoni, u li minn decizjonijiet ta' dik il-Qorti seta' biss isir appell quddiem din il-Qorti, dan ma jfissirx illi kull Qorti jew Tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjonijiet tieghu kull sottomissjoni li ssirlu fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-meritu, u li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal.*

*Hekk allura ma hemm xejn x'jostakola lill-Bord tal-Appell jindaga u jiddeciedi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhal dik avvanzata mir-rikorrent …..*

*Li din il-Qorti tixtieq tissottolineja hu li l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha kienu fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi, fosthom l-Att Numru 1 tal-1992, fid-dawl tal-assjem tad-dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fondamentali, u dan sa fejn dan kien konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi li huma jkunu qieghdin jinterpretaw …….*

*Id-decizjoni li twassal ghal cahda tal-permess kellha, bhal kull decizjoni ohra, tittiehed ukoll fir-rispett tal-jeddijiet fondamentali tal-individwu protetti mill-kostituzzjoni u mill-konvenzjoni."*

*Inoltre* fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** *supra* citata, inghad illi:-

*"… l-allegazzjoni tal-appellant li d-decizjoni tal-Bord tippekka minhabba diskriminazzjoni u arbitrarjeta', ma tistghax tigi ezaminata u deciza f'dana l-appell, billi tezorbita mill-gurisdizzjoni konferita mil-ligi lil din il-Qorti, fil-kuntest tal-appelli intavolati taht l-istess ligi.*

*Illi dana billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, illimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghal kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u*

*applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni.*

*Illi din il-Qorti tkompli tghid illi decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu impunjati quddiem il-Qrati Ordinarji, fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhala dawn, pero', ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni."*

Illi tenut kont tal-premess, il-Qorti tirreferi ghal dak li l-appellant fl-aggravji tieghu jghid, u cjoe':-

*1. "Illi dan kollu jrid jittiehed fid-dawl tal-kompetenza ta' din il-Qorti fid-dawl tal-appelli li jsiru lilha taht id-dispozizzjonijiet tal-***artikolu 15 tal-Att Nru. 1 tal-1992** *u jfisser li taht dan l-artikolu din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni specjali u limitatissima ghal dak biss li jirrigwarda punt ta' ligi jew dritt li jkunu decizi mill-Bord tal-Appell".*

Infatti fis-sentenza**"Joseph Difesa vs L-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. 24 ta' Gunju 1998 – Appell Nru. 181/97) inghad li:-

*"L-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni maghmulha mill-appellant, certament bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista' tikkwalifika bhala li tikkoncerna "punt ta' Ligi deciz mill-Bord" ……….. isegwi, ghalhekk li l-allegazzjoni dwar diskriminazzjoni msemmija ta' l-appellant ma tistghax tigi ezaminata jew deciza f'dan l-Appell".*

Illi l-punt li Ligi ghandha tigi nterpretata fid-dawl tal-ezistenza u r-rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma jbiddel xejn min-natura ta' gurisdizzjoni u kompetenza li din il-Qorti ghandha bhala Qorti tal-Appell,

*stante* li l-binarji taghha jibqghu dawk tassativament indikati fl-**artikolu 15 (2) tal-Att Nru. I tal-1292.**

*"Infatti l-Bord ta' l-Appell ghazel li jiskarta kompletament l-argument tal-appellant illi f'dik l-istess zona fejn ghandu s-sit tieghu, inhargu numru ta' permessi ta' zvilupp li kollha gew indikati lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u li whud minnhom jinsabu sahansitra adjacenti mas-sit ta' l-appellant. Il-Bord ta' l-Appell ma jistax jinjora agir car ta' diskriminazzjoni kommess fil-konfront u kontra l-interessi legittimi ta' l-appellant that pretest li s-sit ta' l-appellant ma jinsabx fl-ischeme".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta' Mejju 1998 intqal illi:-

*"… anke kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita' ta' aditu b'success lil din il-Qorti. Dana billi l-ligi taghti d-dritt ta' appell biss u b'mod tassattiv, fuq punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord."*

Il-Qorti qeghda taghmel dina l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. *Invece*, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina il-Qorti f'appelli bhal dawn.

Illi dana necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettiq ta' dina d-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi provdiet ghall-possibilita' ta' sindakabilita' fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke fuq l-aspetti fattwali tal-kaz".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Alex Montanaro noe vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Cit. Nru. 215/98) deciza fid-9 ta' Frar, 2001 intqal illi:-

*"Meta, fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp, issir l-allegazzjoni li fl-inhawi diga' jezisti zvilupp, bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita' u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali, izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet ta' l-ippjanar, u cjoe', biex jaraw jekk, tenut kont ta' l-izvilupp attwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigi akkordat".*

Illi jidher almenu mid-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell illi din il-kwistjoni ta' zvilupp kienet giet investigata tant illi l-istess Bord jghid illi *"l-apprezzament fattwali ta' l-appellant li s-sit hu "committed" ghall-izvilupp ghax magenbu jezisti bini iehor mhux sufficjenti bhala argument peress li dan it-tip ta' argument huwa permess ghal zvilupp li jkun fl-"ischeme". Fejn jidhol zvilupp barra mill-"ischeme" l-argument tal-"committed site" ma japplikax"*.

Illi dan ma jfissirx li l-appellant ma ghandux rimedji ohra, anke quddiem dawn il-Qrati, sabiex iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet minnu vantati, izda dan mhux necessarjament quddiem din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell minn punti ta' dritt decizi mill-Bord tal-Appell, ghaliex l-ezami li trid u ghandha taghmel din il-Qorti huwa

biss fl-ambitu ta' dak provdut fl-artikolu 15 (2) tal-Att I tal-1992, u kull konsiderazzjoni ohra hija *"ultra vires"* ghal din l-istess Qorti.

Illi ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif appena inghad hawn fuq, irid jigi emfasizzat li meta din il-Qorti ezaminat il-process pendenti quddiem il-Bord, hija sabet li quddiem il-Bord ma tqajmu ebda punti ta' ligi u ma kien hemm l-ebda talba biex il-Bord jiddeciedi xi punti ta' dritt izda l-kwistjoni fundamentali kienet wahda li tenhtieg apprezzament purament tekniku dwar is-sit fejn kien propost li jsir l-izvilupp in kwistjoni.

Illi kwistjoni bhal din tidhol strettament fil-mansjonijiet tal-Bord li hu tribunal amministrattiv u/jew kwazi gudizzjarju mwaqqaf apposta b'zewg membri teknici fih, li huma professjonalment kwalifikati biex jevalwaw sewwa s-sottomissjonijiet teknici li jsiru quddiemu u jaslu ghal decizjoni gusta fuq materja teknika.  Dan ukoll isir taht il-gwida ta' Chairman li huwa kwalifikat sewwa professjonalment mil-lat legali biex hekk jigi garantit lic-cittadin li jirrikorri ghal dan il-Bord gustizzja f'waqtha u efficjenti.  Din il-Qorti ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrevedi dawn il-konkluzjonijiet teknici milhuqa mill-Bord, ghaliex billi dawn jinvolvu apprezzament ta' provi  hafna drabi ta' natura teknika, u dwar fatt li jesorbixxu l-kompetenza taghha.   Wara kollox, il-Bord gie mwaqqaf proprju biex jirrevedi d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar primarjament ghalkemm mhux esklussivament fuq dan l-aspett tekniku.  Kif rajna diga', l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata ghal revizjoni tad-decizjonijiet tal-Bord in kwantu biss fihom ikun hemm xi punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-istess Bord. (vide **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** [Appell Numru 213/99] deciza fid-19 ta' Novembru 2001).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tilqa' l-imsemmija eccezzjoni preliminari tal-appellati, **tichad l-appell interpost mill-**

**appellanti** u tiddikjara l-appell maghmul mill-appellant huwa irritu u null b'dan li tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord – b'rizerva lill-appellant ta' kull dritt iehor lilu talvolta spettanti – *"si et quatenus"*.

L-ispejjez jithallsu mill-appellant Joseph Attard.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Ottubru 2002**